# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dan ir-riklam li deher fuq sit elettroniku u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

http://www.universali.com

Illoggja | Il-kont tiegħi | Żur siti elettroniċi oħra

# It-teleskopju Seqertel B14



**€299**

> Agħfas fuq il-prezz biex tordnah issa u nġibuhulek b'xejn għada wara biebek flimkien ma' ktieb fuq l-univers. Din l-offerta tibqa' tgħodd biss sal-25 ta' Awwissu.

Dan it-teleskopju jiswa mitqlu deheb għal min irid jibda josserva s-sema. Huwa ħafif biex tarmah u biex tużah. Tibqa' mbellah kif b'dan l-apparat iġġib il-kwiekeb tas-sema taħt imnieħrek tant li tibda taħseb li bejnek u bejnhom m'hemmx bogħod! It-teleskopju Seqertel B14 għandu l-funzjonijiet kollha li jġegħluk tħossok astronawta.

**L-ispeċifikazzjonijiet ewlenin:**

- Għandu lenti b'saħħitha ħafna.
- Bih iġġib il-qamar daqslikieku qiegħed fuqu stess.
- Tista' tqabbdu mal-kompjuter u jsiblek il-pjaneti waħdu.
- Tista' tqabbdu ma' kamera tar-ritratti u tiġbed ritratti tas-sema.

It-teleskopju Seqertel B14 se jħallik bla kliem kull darba li tħares minnu biex tgħarrex fis-sema. Tant hu b'saħħtu u sofistikat li żgur mhux se taqilgħu minn ma' għajnejk!

Ibgħat dan ir-riklam lil sħabek. ✉ Ipprintja dan ir-riklam.

*(marka kull waħda = 10 marki)*

| A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). | | V | F | MS |
|---|---|---|---|---|
| **1.** | L-isem tal-mudell tat-teleskopju fih ittra tal-alfabett. | | | |
| **2.** | It-teleskopju jiswa anqas minn mitejn, disgħa u disgħin ewro. | | | |
| **3.** | Ir-riklam jagħti tagħrif fuq il-lenti tat-teleskopju. | | | |
| **4.** | Il-ktieb fuq l-univers huwa bil-Malti u bl-Ingliż. | | | |

| B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. | | | |
|---|---|---|---|
| **5.** | L-iskop ewlieni tal-offerta hu li l-qarrej | jixtri t-teleskopju malajr. | |
| | | juża t-teleskopju f'lejliet sajfin biss. | |
| | | jakkwista ktieb u teleskopju b'xejn. | |
| **6.** | Fir-riklam, l-offerta tindika li jekk jixtri t-teleskopju issa, il-qarrej jingħata | skont ta' ħamsa u għoxrin fil-mija. | |
| | | ktieb u lenti b'saħħitha b'xejn. | |
| | | ktieb b'xejn fuq l-univers. | |
| **7.** | Dan ir-riklam huwa mmirat għal min se jixtri | minn fuq il-kompjuter bl-internet. | |
| | | billi jmur fil-ħanut u jordnah. | |
| | | billi jipprintja r-riklam li deher. | |
| **8.** | Dan ir-riklam jagħti | deskrizzjoni biss tat-teleskopju. | |
| | | deskrizzjoni tat-teleskopju u kif tixtrih. | |
| | | deskrizzjoni u storja fuq it-teleskopju. | |

| Ċ. Immarka t-tifsira t-tajba tal-espressjoni billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. | | | |
|---|---|---|---|
| **9.** | Dan it-teleskopju **jiswa mitqlu deheb**, tfisser li t-teleskopju | huwa tad-deheb u tqil ħafna. | |
| | | huwa tqil ħafna u jiswa ħafna flus. | |
| | | huwa prezzjuż ħafna. | |
| | | jiswa aktar mid-deheb. | |
| **10.** | Dan it-teleskopju se **jħallik bla kliem**, tfisser li t-teleskopju | se jħallik biered, qisu ma ġara xejn. | |
| | | se jħallik mistagħġeb. | |
| | | se jneħħilek in-nifs u tista' tifga. | |
| | | se jneħħilek il-ħila li titkellem. | |

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Dawk atleti!

### L-Ewwel Parti

Ilbieraħ ħlomt ħolma stramba! Ħlomt li f'Jum l-Isports tal-iskola tagħna jien u sħabi kellna nikkompetu kontra grupp ta' annimali li ġew minn barra minn xtutna. Minkejja li konna l-aħjar atleti tal-iskola, bqajna b'xiber imnieħer. L-annimali kollha li kkompetejna kontrihom kaxkruna. Lanqas medalja waħda jaħasra! Ħallewna bla nifs, inħarsu lejn dawn ħbiebna jiġru, jaqbżu, itiru u jgħumu donnhom ma jegħjew qatt. Dik saħħa! Dik qawwa! Dawk atleti! **(paragrafu 1)**

Kif qomt mir-raqda tiegħi, mort fuq il-kompjuter u fittixt fl-internet biex insib tagħrif fuq l-annimali li ħlomt bihom. Fil-ħolma tiegħi kien hemm ħafna annimali, imma rnexxieli niftakar biss xi wħud minnhom. **(paragrafu 2)**

L-ewwel annimal li niftakar ċar huwa ċ-ċita. Fil-ħolma tiegħi rajt lil Mark u lil Helen itellqu kontra dan l-annimal veloċi. Issa dwar Mark u Helen tajjeb ngħid li ħadd minna ma jlaħħaq magħhom fil-ġiri. Imma maċ-ċita m'hemmx ċajt! **(paragrafu 3)**



Iċ-ċita hija l-aktar ħlejqa li tiġri fid-dinja. Jekk tħares lejha taħsibha xi qattusa kbira liebsa kowt kollu tikek suwed. Għandha denb twil u saqajn twal. Hija titgħawweġ ħafna għax għandha s-sinsla tagħha qisha tal-plastik. **(paragrafu 4)**

Iċ-ċita ssibha fl-Afrika. Tiġri l-aktar meta tkun qed issegwi xi annimal ieħor, biex tieklu, u kapaċi ttella' daqs mija u għoxrin kilometru fis-siegħa. Insomma, biex niftiehmu, iċ-ċita tiġri daqs karozza tal-pulizija meta tkun qed issegwi karozza tal-ħallelin. **(paragrafu 5)**

Fl-internet kien hemm ħafna ritratti ta' annimali. F'wieħed minnhom ilmaħt tigra. Niftakar li f'Jum l-Isports kien hemm tigra u xi annimali oħrajn li baqgħu man-nies jaraw it-tlielaq. Xi ħadd qalli li t-tigra kienet għalqet erbatax-il sena. Ġeneralment, it-tigri ma jgħixux iktar minn ħmistax-il sena. **(paragrafu 6)**

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

**1.** Aqta' linja taħt is-sentenza t-tajba:

**a)** Ħlomt li jien u sħabi tellaqna kontra għadd ta' annimali barra minn xtutna.

**b)** Ħlomt li jien u sħabi tellaqna kontra annimali li waslu minn barra minn xtutna.

**ċ)** Ħlomt li jien u sħabi tellaqna kontra tfal li ġew minn barra minn xtutna.

**d)** Ħlomt li jien u sħabi rajna għadd ta' annimali jtellqu barra minn xtutna.

**2.** Għaliex l-awtur, wara li qam, mar xegħel il-kompjuter?

______________________________________________

**3.** Minn **paragrafu 3**, sib u ikteb l-espressjoni li turi li Mark u Helen ma kinux se jgħaddu liċ-ċita waqt il-ġiri.

______________________________________________

**4.** X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta kiteb li ċ-ċita tiġri daqs karozza tal-pulizija meta tkun qed issegwi karozza tal-ħallelin?

______________________________________________

**5.** Skont is-silta, x'setgħet kienet ir-raġuni li t-tigra ma tellqitx ukoll?

______________________________________________

**6.** Xi tfisser l-espressjoni **"bqajna b'xiber imnieħer"** fis-sentenza: "Minkejja li konna l-aħjar atleti tal-iskola, **bqajna b'xiber imnieħer**"? **(paragrafu 1)**

______________________________________________

**7.** Għaliex il-kittieb kiteb **"denb"** u mhux **"denp"** fis-sentenza: "Għandha **denb** twil u saqajn twal"? **(paragrafu 4)**

______________________________________________

**8.** Ikteb kelma oħra għal **"ilmaħt"** fis-sentenza: "F'wieħed minnhom **ilmaħt** tigra". **(paragrafu 6)**

______________________________________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**



Ħlejqa oħra li niftakar sew fil-ħolma tiegħi hija ħuta b'daharha ta' barra minn hawn. Din il-ħuta kellha ttellaq fl-ilma kontra Pawlu u Josette. Għall-ewwel ma stajtx insib x'inhi fuq l-internet. Imbagħad sibt stampa tagħha fi ktieb tal-ħut. **(paragrafu 7)**

Dan il-ktieb jgħidlek li din il-ħuta hija kelb il-baħar bix-xewka kbira. Imma din il-ħuta mhix kelb il-baħar kif imdorrijin naraw fid-dokumentarji, bi snien kbar u b'xewka żgħira. Aktar qisha pixxispad, għax għandha mneħirha qisu xabla twila, u xewka qisha mrewħa kbira. Fil-baħar m'hemm ħadd li jista' jgħaddiha. Meta tkun qed tgħum, din il-ħuta tagħlaq ix-xewka biex tiġri iktar. Imsieken Pawlu u Josette! Kienu għadhom bilkemm qabżu fl-ilma li din il-ħuta ma kinitx diġà waslet fit-tarf tat-tellieqa! **(paragrafu 8)**



Fil-ħolma tiegħi jien niftakar ukoll lil Ronald, li huwa l-iktar tifel twil u b'saħħtu tal-iskola. Fil-kompetizzjoni tiegħu kellu jaqbad boċċa kbira tal-ħadid u jwaddabha 'l bogħod kemm jista' jkun. Ronald kellu jikkompeti kontra gurilla. **(paragrafu 9)**

Il-gurilla jirnexxilha terfa' piż ta' għoxrin bniedem f'daqqa. Miskin Ronald! Veru li l-boċċa tiegħu waddabha 'l bogħod ħafna. Imma meta l-gurilla tbaxxiet u ġabret il-boċċa tal-ħadid, qisha qed taqbad xi karawetta, waddbitha tant 'il bogħod li dil-boċċa baqgħet ħierġa 'l barra mill-iskola! Fuq l-internet sibt ukoll li l-gurilli jistgħu jgħixu sa 35 sena. **(paragrafu 10)**

Il-ħin tar! Li kien għalija kont nibqa' nfittex fuq l-annimali għax lili tant jgħaġġbuni. Imma missieri, ommi u oħti bdew isejħuli minn isfel għax illum se nerġgħu mmorru l-Buskett u se nkomplu niġbdu r-ritratti tal-għasafar, l-aqwa atleti tal-ajru. **(paragrafu 11)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

**9.** Minn **paragrafu 7**, sib u ikteb **biss** l-espressjoni li tfisser id-dahar stramb tal-ħuta.

______________________________

**10.** X'tagħmel il-ħuta biex tgħum aktar veloċi?

______________________________

**11.** Liema hija l-kelma li turik li Pawlu u Josette tilfu t-tellieqa?

______________________________

**12.** X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta qal li l-gurilla qabdet il-boċċa donnha qed taqbad xi karawetta?

______________________________

**13.** Agħti s-singular tal-kelma **"snien"** fis-sentenza: "Imma din il-ħuta mhix kelb il-baħar kif imdorrijin naraw fid-dokumentarji, bi **snien** kbar u b'xewka żgħira". **(paragrafu 8)**

______________________________

**14.** Għal min qed tirreferi **"jien"** fis-sentenza: "Fil-ħolma tiegħi **jien** niftakar ukoll lil Ronald, li huwa l-iktar tifel twil u b'saħħtu tal-iskola"? **(paragrafu 9)**

______________________________

**15.** Ikteb fi kliem in-numru **35** fis-sentenza: "Fuq l-internet sibt ukoll li l-gurilli jistgħu jgħixu sa **35** sena."

______________________________

**16.** L-awtur jibda l-aħħar paragrafu bl-espressjoni **"Il-ħin tar!"** X'taħseb li ried ifisser b'din l-espressjoni?

______________________________

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha.** *(2 marki kull waħda = 4 marki)*

**17.** Mis-silta kollha li għadek kemm qrajt, x'tista' tikkonkludi fuq dak li jħoss l-awtur lejn l-annimali? Agħti raġuni waħda biex tispjega għaliex taħseb hekk.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**18.** Kieku inti kont l-awtur, fejn kont tippubblikaha din is-silta? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-Karta**